DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Mejju 2007

li tagħti deroga mitluba minn Franza skond id-Deċiżjoni 2006/804/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' l-ispektrum tal-frekwenzi tar-radju għal apparat għall-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju (RFID) u li joperaw fil-medda UHF (*ultra high frequency*)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2084)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2007/346/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispektrum tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju) [1], u partikolarment l-Artikolu 4(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/804/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' l-ispektrum tal-frekwenzi tar-radju għal apparat għall-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju (RFID - *radio frequency identification*) u li joperaw fil-medda UHF (*ultra high frequency*) [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Peress li d-Deċiżjoni 2006/804/KE se tafettwa il-medda ta' frekwenzi 865.6-867.6 MHz, Franza introduċiet talba għal deroga tranżizzjonali għal din id-Deċiżjoni abbażi tal-fatt li din il-medda hija attwalment użata esklussivament u direttament għal apparat iddedikat għas-sgurtà pubblika u għad-difiża li ma jittollerax livelli għoljin ta' emissjonijiet f'ċertu żoni ġeografiċi.

(2) Għalhekk Franza talbet għall-possibbiltà li tillimita l-livelli ta' l-emissjonijiet fuq dik il-medda f'ċertu żoni, taħt il-livelli definiti mid-Deċiżjoni 2006/804/KE.

(3) Franza pprovdiet biżżejjed ġustifikazzjoni teknika għat-talba tagħha, bbażata b'mod partikolari fuq studji ta' kompatibilità mill-*Agence Nationale des Fréquences* u mis-CEPT u billi tat każ ta' fatturi ta' interferenza li tagħmel ħsara bejn apparat tal-RFID u apparat militari bħal qawwa ta' emissjoni, densità u *duty cycles*.

(4) Għalkemm it-talba tfittex protezzjoni minima għall-apparat militari, ma timponix restrizzjonijiet żejda fejn jidħlu meded ta' frekwenzi jew kopertura ġeografika. Parti limitata ferm tat-territorju ta' Franza biss hija kkonċernata; ma żżommx milli jsiru attivitajiet madwar żoni urbani u ż-żoni involuti se jkunu rurali u ma jidħlux fi bliet ewlenin. L-RFID xorta se jkun permess fiż-żoni maħsuba, għalkemm b'livell ta' qawwa mnaqqsa. Fuq kollox, id-deroga, effettivament ma għandux ikollha impatt sinifikanti fuq l-użu tat-teknoloġija RFID fi Franza.

(5) Il-limitazzjoni għandha tibqa' eċċezzjoni u permessa għal perjodu ta' żmien limitat. Franza għandha tirrapporta dwar l-evoluzzjoni tat-teknoloġija u l-użu mill-militar tagħha u dwar l-implimentazzjoni tal-limitazzjoni wara tliet snin. Ir-rapport għandu jinkludi kull fatt jew kejl tul il-periodu ta' tliet snin.

(6) Franza indikat li se taddotta apparat ġdid militari li jkun kompatibbli mal-livelli ta' emissjoni tad-Deċiżjoni 2006/804/KE malli tasal it-teknoloġija; fid-dawl taż-żmien meħtieġ għall-iżvilupp tat-teknoloġija, Franza indikat li tista' tapplika għal tiġdidiet ta' tliet snin ta' din id-deroga, sa mhux aktar mill-2020. Madankollu, jibqa' l-fatt li deroga bħal din hija eċċezzjoni u kull tiġdid tagħha għandu jkun ġustifikat u meħtieġ.

(7) Il-membri tal-Kumitat ta' l-Ispektrum tar-Radju indikaw, fil-laqgħa tal-Kumitat ta' l-4–5 ta' Diċembru 2006, li huma ma joġġezzjonawx għal deroga tranżizzjonali.

(8) Il-limitazzjoni mitluba ma għandhiex tiddeferixxi bla ħtieġa l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/804/KE jew toħloq differenzi għalxejn f'sitwazzjonijiet kompetittivi jew regolatorji bejn l-Istati Membri. It-talba hija ġustifikata u deroga tranżizzjonali tkun xierqa biex tiffaċilita l-implimentazzjoni sħiħa tad-Deċiżjoni 2006/804/KE.

[1] ĠU L 108 ta' l-24 ta' April 2002, p. 1.
[2] ĠU L 329 tal-25 ta' Novembru 2006, p. 64.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-talba ta' Franza permezz ta' ittra fit-23 ta' Frar 2007 (SG/CDC/2007/A/1821) biex tillimita aktar il-qawwa ta' l-emissjonijiet għall-użu tal-medda ta' frekwenzi 865.6-867.6 MHz għal apparat li juża l-frekwenzi tar-radju għall-identifikazzjoni (RFID) li jopera fit-territorju ta' Franza, bħala deroga għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/804/KE, hija hawnhekk approvata, suġġetta għal-kundizzjonijet imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Fil-medda ta' frekwenzi 865.6-867.6 MHz, il-qawwa massima tal-medda ma għandhiex tkun aktar minn 500mW e.r.p. (*effective radiated power*) fiż-żoni kif definiti fl-Anness.

Artikolu 3

Franza għandha tissottometti sat-30 ta' Ġunju 2010 rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Mejju 2007.

Għall-Kummissjoni

Viviane REDING

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

	Koordinati ġeografiċi	Dipartment:	Raġġ taż-żona bil-qawwa massima tal-medda ta' 500 mW e.r.p.
Avon-les-Roches (camp Le Ruchard)	47° 12′ 04″ N — 000° 28′ 48″ E	37 — Indre-et-Loire	20 km
Beignon (camp de Coëtquidan)	47° 56′ 56″ N — 002° 09′ 26″ W	56 — Morbihan	15 km
Bitche	49° 03′ 09″ N — 007° 28′ 43″ E	57 — Moselle	20 km (fuq territorju Franċiż biss)
Caylus	44° 16′ 42″ N — 001° 44′ 57″ E	82 — Tarn-et-Garonne	20 km
La Cavalerie (camp du Larzac)	44° 00′ 40″ N — 003° 10′ 16″ E	12 — Aveyron	10 km
La Courtine	45° 42′ 40″ N — 002° 15′ 18″ E	23 — Creuse	20 km
Mailly-le-Camp	48° 39′ 55″ N — 004° 13′ 04″ E	10 — Aube	20 km
Montferrat (camp de Canjuers)	43° 38′ 47″ N — 006° 28′ 05″ E	83 — Var	10 km
Mourmelon	49° 07′ 30″ N — 004° 21′ 59″ E	51 — Marne	15 km
Sissonne	49° 34′ 08″ N — 003° 54′ 57″ E	02 — Aisne	20 km
Suippes	49° 07′ 37″ N — 004° 33′ 05″ E	51 — Marne	20 km
Valdahon Lyautey	47° 09′ 24″ N — 006° 19′ 25″ E	25 — Doubs	20 km